Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 338/2015

Il-Pulizja

Spettur Joseph Mercieca

Vs

Khaled Mahmoud Abdulkasem

Omissis

Omissis

Illum 28 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Khaled Mahmoud Abdulkasem, detentur tal-passaport Libjan bin-numru 545602, flimkien ma Omissis u Omissis quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju 2015, għall-ħabta tat-3:30am, fi Triq il-Ġnien, Gzira:

1. Ikkommettew serq ta' kartiera, kontenenti flus kontanti, mobile phone u karozza tal-marka Peugeot 306, numru ta' reġistrazzjoni HAB 327, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, inkluz fuq persuna li għalqet is-sittin sena, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37), u bil-persuna, bil-lok, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa

misruqa u li sar għad-dannu ta' Lucy Anne Mallia u/jew ta' xi persuna/i jew ta' xi entita'/entitajiet oħra;

2. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Lucy Anne Mallia u lil Carmen Borg, ta' 68 sena, kontra l-volonta' tagħhom; liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni jew ħwejjeġ oħra;

3. Filwaqt li kienu qed jagħmlu reat kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew ħsara fil-propjeta' (minbarra ħsara involontarja fil-propjeta') kellhom fuq il-persuna tagħhom xi arma regolari jew munizzjoni jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti;

4. Ġarrew il-barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Lucy Anne Mallia, bi strument li jaqta' u bil-ponta, skond ma iċċertifika Dr Gerada MD (med. Reg. No. 3011) mill-isptar Mater Dei;

6. Ikkommettew l-istess reati, li wħud minnhom jġorru piena ta' priġunerija, f'perijodi operattivi ta' liberta' b'kundizzjoni; fil-kaz ta' Khaled Mahmoud Abdulkasem b'sentenza definittiva mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D) nhar id-9 ta' Lulju 2014; fil-kaz ta' Mohamed Abungab b'sentenza definittiva mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr N. Galea Sciberras LL.D) nhar id-19 ta' Novembru 2014, u fil-kaz ta' Deelian Mifsud, permezz ta' sentenza definittiva mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr Doreen Clarke LL.D) nhar it-18 ta' Marzu 2015;

Kif ukoll Khaled Mahmoud Abdulkasem waħdu ġie akkuzat ukoll, talli fil-21 ta' Mejju 2015, għall-ħabta tat-3:30am u/jew wara dan il-ħin, f'dawn il-Gzejjer:

7. Saq vettura tal-marka Peugeot 306, numru ta' reġistrazzjoni HAB 327, mingħajr liċenzja tas-sewqan u mingħajr ma' kien kopert b'assigurazzjoni kontra r-riskji ta' terzi persuni;

8. Talli ikkometta l-istess reati li, fil-maġġior parti, hemm kkontemplat għalihom piena ta' priġunerija, fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza li kienet ġiet imposta fuqu permezz ta' sentenza definittiva datata 19 ta' Mejju 2014 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D);

9. Talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza definittiva datata 19 ta' Mejju 2014, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D)

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-11 ta' Gunju, 2015, fejn il-Qorti ikkundannat lil Kahled Mahmud Abdulkasem għall-multa ta' €2,336, multa oħra ta' €116 kif ukoll estendietlu l-perijodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu fid-19 ta' Mejju 2014 għall-erba' snin mid-data tas-sentenza odjerna;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din il-Qorti **tirriforma s-sentenza appellata, <u>limitatament a rigward ta' Khaled Mahmoud Abdulkasem</u>, billi filwaqt li <u>tikkonfermaha</u> fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-akkużi kollha dedotti kontrih, tgħaddi sabiex <u>tirrevoka</u> l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena li ngħatat fil-konfront tal-appellat u tipprosegwi sabiex tinfliġġi piena li hija fil-parametri tal-liġi.**

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Khaled Mahmoud Abdulkasem esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-Avukat Generali :

Illi indipendentement mill-proċedura adoperata ai termini tal-artiklu 392A, fil-15 ta' Ġunju 2015 ġiet ippreżentata nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn informa l-Qorti li jixtieq jappella mis-sentenza mogħtija;

Illi fit-tmintax (18) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest **in kwantu għas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' Khaled Mahmoud Abdulkasem** u dan minħabba il-fatt li skont l-esponent l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta infliġġiet il-piena fil-konfront tal-appellat Khaled Mahmoud Abdulkasem, liema piena erogata ma tirrinkwadrax ruħha fil-parametri tal-Liġi nostrana;

Illi minkejja li huwa minnu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalment dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti, fis-sentenza tal-każ ***Il-Pulizija vs. Spiru Muscat*** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011) sostniet:

*Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta' appell ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti* ***jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi*** *u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

Illi din il-ġurisprudenza ormai ben stabbilita u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn, *inter alia,* dik

il-piena ma tkunx fil-parametri tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizżat fis-sentenza fil-każ il-**Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001 (52/2000), fejn il-Qorti qalet li:

*Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan tghamlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew* ***tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*** *(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

Fil-kaz in deżamina, il-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti ċertament jidher illi hija waħda li ma tirrinkwadrax ruħha fil-parametri tal-liġi u ukoll ma tirriflettix il-gravita' tal-kaz in dizamina. L-appellat infatti ġie akkużat b' disgħa (9) akkużi *in toto* u ċioe':

- Serq li huwa aggravat bil-vjolenza, valur, persuna, lok, ħin u xorta
- Arrest illegali ta' zewġ persuni, li waħda minnhom kellha aktar minn sittin sena
- Pussess ta' arma waqt il-kommissjoni ta' reat
- Il-ġarr ta' arma mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija
- Ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq persuna
- Saq vettura mingħajr liċenzja u polza ta' assigurazzjoni
- Ikkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' liberta' b'kundizzjoni
- Ikkommetta reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza
- Reċediva

Illi, l-esponent huwa tal-umli fehma li l-piena inflitta fuq l-appellat hija waħda li ma taqax fil-parametri tal-liġi u dan għal zewġ raġunijiet prinċipali, kif ser jiġi spjegat aktar l-isfel.

Illi, parti mill-piena inflitta fuq l-appellat mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet li din tal-aħħar estendiet s-sentenza sospiza li diġa kellu l-istess appellat għall-perijodu ta' erba' snin mid-data tas-sentenza odjerna;

Illi l-ewwelnett, wieħed irid izomm f'moħħu li l-appellat, li huwa ukoll reċediv, ammetta għall-akkuzi kollha miġjuba kontrieh. Waħda minn dawn l-akkuzi kienet propju li kkommetta reat waqt perijodu operattiv ta' liberta' b'kundizzjoni;

Illi, a rigward sentenzi sospizi, id-diċitura tal-Artikolu 28A(7) tal-Kodiċi Kriminali hija ċara u tistipola hekk –

*Ordni bis-saħħa tas-subartikolu (1) ma għandux isir f'xi wieħed mil-każijiet li ġejjin –*

*(a) meta l-ikkundannat ikun diġà qiegħed jiskonta sentenza ta' priġunerija;*

*(b) meta l-ikkundannat ikun reċidiv fit-termini tal-artikolu 50;*

*(ċ) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation*

Illi, in oltre dan kollu, a rigward liberta' b'kundizzjoni, id-diċitura tal-Artikolu 23 tal-Att dwar il-*Probation*, jgħid ukoll illi –

*(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr,*

*tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha taddikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat.*

*(2) Bla ħsara għad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tiġi ttrattata għar-reat li dwaru tkun tqegħdet taħt probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun ġiet kondizzjonalment liberata, il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-ħati taħt sanzjoni komunitarja jew tagħmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1).*

*(3) Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat magħmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tiġi dikjarata ħatja, jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omiċidju involuntarju, jew offiża involontarja fuq il-persuna, jew ħsara involontarja fuq il-proprjetà.*

*(4) Għall-fini tas-subartikolu (1) –*

*(a) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Minorenni għandhom jitqiesu bħala l-istess qorti;*

*(b) il-Qorti tal-Appell Kriminali meta tkun qegħda taqta' appelli minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Minorenni għandu jitqies li jkun qorti differenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-determinazzjoni ta' appelli għal deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali.*

Illi, tenut kont li l-appellat Khaled Mahmoud Abdulkasem huwa reċediv kif ukoll li huwa ikkommetta reat waqt perijodu ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti, b'kull dovut rispett, ma setgħet qatt għaddiet sabiex testendi s-sentenza sospiza li diġa kellu l-appellat – minflok kienet obbligata li titratta mal-istess appellat kemm għar-rigward tas-sentenza sospiza kif ukoll għar-rigward tal-ksur tal- liberta' b'kundizzjoni in kwistjoni, kif hemm filfatt stipulat fil-Liġi nostrana, aktar il-fuq ċitata;

Illi, *in oltre* dan kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti infliġġiet fuq l-istess appellat zewġ multi oħra – waħda ta' €2,336 u oħra ta' €116;

Illi, fil-*maġġior parti* tagħhom, ir-reati addebitati lill-appellat, li għalihom huwa ammetta u konsegwentement instab ħati tagħhom, iġorru magħhom piena ta' ***priġunerija***! Ir-reati ta' serq aggravat, l-arrest illegali ta' persuna li kellha l-fuq minn sittin sena u l-ġrieħi ħfief ikkaġunati fost oħrajn kollha jistipulaw li l-piena li għandha tiġi inflitta meta tinstab ħtija hija waħda ta' priġunerija, liema piena ta' priġunerija ma ġietx inflitta f'ebda ħin fuq l-appellat! Huwa ammetta għall-akkuzi kollha dedotti kontra tiegħu, u għaldaqstant kellu jingħata piena li tirrifletti r-reati kollha in kwistjoni;

Illi, għalhekk wieħed jasal għall-konklużjoni li l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija ferm taħt il-minimu preskritt mil-liġi. Dana qiegħed jingħad ukoll *konsiderando* il-fatt li fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza għall-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali, kif *del resto* l-appellat ma jikkwalifikax biex jibbenefika minn tali artikolu stante li ma jeżistu l-ebda raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrekjedi tali artikolu, sabiex il-Qorti tkun tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena preskritta mil-liġi. In vista ta' dan kollu u b'kull rispett dovut lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, wieħed ma jistax jifhem kif hija erogat piena komplessiva li ma tirrappreżentax il-pieni fil-konfront tal-akkużi kollha dedotti kontra l-appellat! Għalhekk in vista ta' dan kollu, il-piena komplessiva ma tirrinkwadrax ruħha fil-parametri tal-liġi u għalhekk indubbjament tali piena għandha tiġi varjata sabiex tkun waħda fil-parametri tal-liġi u aktar adegwata għaċ-ċirkostanzi tal-każ *de quo*;

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-Avukat Generali limitatament ghal dak li jirrigwarda l-piena inflitta fuq l-appellat bl-aggravvju illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kenitx fix-xorta jew kwantita taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghal dawk l-vjolazzjonijiet penali ammessi mill-appellat *in toto* u li allura gie misjub hati taghhom.

Issa qabel ma din il-Qorti tinoltra ruhha fuq din il-lanjanza li iqajjem l-Avukat Generali, ma jistax jigi sorvolat l-fatt illi ghalkemm l-Ewwel Qorti sabet htija ghall-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellat u dan fuq ammissjoni tieghu stess,

madanakollu fil-parti decizorja tas-sentenza naqqset milli tindika dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi li jitkellmu fuq ir-reati mahsuba fil-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan necessarjament iwassal ghan-nullita parzjali tad-decizjoni impunjata, u dan biss fil-konfront ta'l-appellat li kien wahdu addebitat b'dawn ir-reati, ghaliex ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".*

Premess dan allura,

***"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla..... Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"***[1]

Issa billi l-appellat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u billi l-atti ghalhekk huma kollha ikkumpilati din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-imputazzjoni numru sebgha li titkellem dwar dawn ir-reati u ghalhekk biex tinfliggi l-piena idonja ghal dan il-kaz.

Sorvolat dan in-nuqqas procedurali ghalhekk jifdal biex jigi tratta l-aggravvju ta'l-Avukat Generali li ukoll jitratta l-piena erogata mill-Ewwel Qorti bhala wahda li ma kenitx fil-parametri tal-ligi. Illi l-appellat gie misjub hati ta' disgha akkuzi migjuba kontra tieghu, kif inghad, u cioe' dawk tar-reati tas-serq aggravat, l-arrest illegali, pussess ta' arma waqt il-kummissjoni ta' reat, il-garr ta' arma minghajr licenzja tal-

[1] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.

Kummissarju tal-Pulizija, offiza ta' natura hafifa, sewqan ta' vettura minghajr licenzja u assigurazzjoni, kif ukoll il-ksur ta' sentenza sospiza bl-addebitu tar-recidiva. Dan ifisser illi l-piena li kellha tinghata kienet dik ta' bejn sena u erbgha snin prigunerija mizjuda bi grad billi l-vjolenza giet kommessa fuq persuna ta' 'il fuq minn sittin sena, liema piena lanqas setghet tinghata fil-minimu taghha, bir-reat tas-sekwestru tal-persuna kompriz u involut fir-reat tas-serq u dan fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 275 tal-Kodici Kriminali. Maghdud ma' dan imbaghad kien hemm il-piena mahsuba ghar-reati li jaqghu taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dawk mahsuba fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dawn l-ahhar disposizzjonijiet tal-ligi, kif inghad, lanqas jigu indikati fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti ghalkemm l-appellat kien qed jigi misjub hati ta' dawn ir-reati ukoll. Illi l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontmepla l-piena tal-multa bejn €2329.37 u €4658.75 jew prigunerija mhux iktar minn tlett xhur kif ukoll is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sena. Fl-artikolu 15 tal-Kapitolu 65, imbaghad, hemm mahsuba l-piena tal-multa ta' mhux iktar minn €232.94 jew prigunerija ta' mhux iktar minn tlett xhur. Dan apparti ir-reati ikkontemplati fil-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta dwar il-pussess ta' arma minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-uzu ta' dik l-arma waqt il-kummissjoni tar-reat, liema reati igorr il-piena tal-multa u tal-prigunerija ta' mhux iktar minn erba' snin.

Mhux biss izda l-Avukat Generali jilmenta illi l-ewwel Qorti malament estendiet is-sentenza ta' prigunerija sospiza ghal erba snin moghtija kontra l-appellat b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-19 ta' Mejju 2014 u dan billi id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A *et seq* tal-Kodici Kriminali ma jistghux japplikaw meta l-hati ikun recidiv, kif ukoll meta l-istess reat gie kommess mill-appellat matul perijodu ta' liberta kondizzjonata moghtija b'sentenza tal-qorti tal-Magistrati nhar id-9 ta' Lulju 2014, u dan fuq ammissjoni tieghu stess. Illi anke hawnhekk l-Avukat Generali ghandu ragun. Dan ifisser allura illi l-Ewwel Qorti kellha iggib fis-sehh dik is-sentenza sospiza u mhux testendi l-perijodu operattiv taghha. Mhux biss izda din il-Qorti tqies lill-appellat bhala recidiv li ghalkemm diga inghata opportunita' biex

jirriforma ruhu b'sentenzi alternattivi ghal dik tal-prigunerija, huwa xortawahda baqa' fit-triq tal-kriminalita'.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell ta'l-Avukat Generali, tghaddi biex tiddikjara is-sentenza appellata parzjalment nulla u dan biss fir-rigward tas-sebgha imputazzjoni, u wara li rat l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li issib lill-appellat hati tas-sebgha imputazzjoni u filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet htija ghal kumplament ta'l-akkuzi migjuba kontra tieghu, tvarja l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellat ghal perijodu komplessiv ta' hames snin prigunerija biex b'hekk tingieb fis-sehh is-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba snin moghtija fil-konfront tieghu kif hawn fuq deciz.

Inoltre tordna illi l-licenzja tas-sewqan ta'l-appellat tigi sospiza ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur